TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

John Paul Cefai

vs

Lilian Vella - Deluxe Bathrooms

CCT G9/21/MS

Illum, 21 ta' Diċembru, 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fit-12 ta' Awwissu 2021 fejn ipremetta illi huwa ghamel ordni ghal diversi accessori ghal kamra tal-banju mill-azjenda intimata u dawn gew konsenjati kollha hlief ghal *vanity unit*. Wara diversi xhur jistenna, dan baqa' mhux konsenjat. Ir-rikorrent ghalhekk talab li jigi rilaxxat mill-obbligu tieghu naxxenti mill-ftehim, limitat ghal dan il-*vanity unit.*

Ra r-risposta tal-intimata/ azjenda intimata fejn ikkonferma illi r-rikorrent kien ghamel ordni minghand l-azjenda intimata u l-oggetti gew konsenjati f'Jannar 2021, hlief ghal *vanity unit* li ttardja minhabba l-problema tal-pandemia. Qalet ukoll illi r-rikorrent kien hallas ta' kollox pero' naqas l-ammont tal-unit mill-ammont. Qalet ukoll illi meta l-vanity unit waslet, ir-rikorrent kien infurmat izda baqa' ma rrispondiex.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fit-13 ta' Jannar 2021, ir-rikorrent ghamel ordni ghal diversi accessorji mill-azjenda intimata, liema oggetti gew konsenjati kollha fil-25 ta' Jannar 2021, hlief ghal vanity unit, li kellu jigi konsenjat mhux aktar tard minn April 2021. Pero' dan ma wasalx u fil-5 ta' Mejju r-rikorrent cempel lill-hanut biex jara meta dan kien ser jigi konsenjat, pero' minghajr ebda success. Fis-7 ta' Mejju gie infurmat illi dan kien ser jittardja ghal ftit gimghat ohra u r-rikorrent qalilhom illi jekk dan ma jasalx sal-25 ta' Mejju, ma kienx ser jaccettah. Ircieva risposta fis-27 ta' Mejju, fejn gie infurmat illli l-unit kien ser jasal Malta fis-17 ta' Gunju 2021. Peress illi ma setax jistenna iktar, huwa baghat cekk ghall-ammont kollu tal-ordni pero' naqas l-ammont tal-*vanity unit.*

Illi fir-risposta tal-intimata/ azjenda intimata tghid illi l-vanity unit wasal Malta u ir-rikorrent kien gie mgharraf b'dan il-fatt. Dan gie negat mir-rikorrent. Kien ikun facli hafna biex dan il-fatt jigi ppruvat, pero' l-intimata qatt ma giet quddiem it-Tribunal biex taghti x-xiehda taghha u ma gabet l-ebda prova li b'xi mod tikkontrasta dak li qed jghid ir-rikorrent.

Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, inkluz il-fatt illi hadd ma deher ghas-socjeta' intimata u r-risposta tal-azjenda intimata qatt ma giet konfermata bil-gurament, it-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief li jilqa' t-talba tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent, jiddikjara null u bla effett dik il-parti tal-ftehim li tikkoncerna l-*vanity unit* minhabba nuqqas ta inadempjenza da parti tal-intimati u tezenta lir-rikorrent mill-hlas tal-istess vanity unit. Bl-ispejjes kontra l-intimati.

Michela Spiteri Av.
Arbitru